MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2012

Rikors Numru. 478/2012

**AB**

**Vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet:

1. Hija zzewwget lil CD f'Malta, fis-7 ta' Ottubru 1984 u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn mehmuz u mmarkat bhala Dok. 'A'. Minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal : K, li twieled fit-3 ta' Ottubru 1985, M, li twieled fl-4 ta' Mejju 1989, u Cli twieled fit-22 ta' Settembru 1991;
2. Il-partijiet infirdu personalment permezz ta' att pubbliku in atti tan-Nutar Dottor Patricia Hall datat 29 ta'

Awissu 2007 (kopja hawn mehmuza u mmarkat bhala Dok ‘B’;

3. Inter alia, fil-kuntratt surriferit, l-intimat obbliga ruhu li jivversa favur l-istanti s-somma mensili ta’ €139.76, bhala manteniment; il-partijiet ftehmu illi din is-somma kellha tizdied kull sena skont l-indici tal-inflazzjoni;

4. L-istanti ghaldaqstant ghandha tigi kkunsidrata illi qeghda tircievi manteniment adegwat, kif dovut. Ghal kull buon fini, l-istanti ggib a formali konjizzjoni ta’ din il-Qorti, il-kawza, pendenti quddiem l-istess, fl-ismijiet AB v. CD (rikors guramentat numru 125/2010 AL) fejn l-intimat odjern qieghed jitlob, inter alia, ordni tac-‘cessjoni tal-obbligu’ tieghu illi jissoministra lill-istanti r-retta alimentari pattwita fl-att ta’ firda personali u dan flimkien mat-‘thassir’ tal-klawsola numru sebgha (7) tal-istess att; dawn il-proceduri pero’, fl-umili fehma tar-rikorrenti, ma ghandhomx jincidu fuq dawk odjerni;

5. Inoltre, l-istipulazzjonijiet tal-kuntratt surriferit dwar manteniment pagabbli versu l-htigijiet tal-allura minorenni E ma ghadhomx aktar vigenti stante illi dan illum huwa magorrenni u, sa fejn taf l-istanti, jirrisjedi flimkien ma’ missieru;

6. Ma jezisti ebda prospett ragjonevoli ta’ rikoncilazzjoni bejn il-partijiet;

7. Ghaldaqstant ir-rekwiziti imposti mill-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta jinsabu ampjament sodisfatti;

8. L-esponenti hija domiciljata u dejjem kienet ordinarjament residenti f’Malta;

9. L-esponenti qeghda tikkonferma l-kontenut ta’ dan ir-rikors bil-gurament taghha;

Talbet , in vista tal-premess, li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja d-divorzju, ossia, l-hall taz-zwieg ikkontrattat bejn il-partijiet fis-7 ta’ Ottubru 1984;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien minnha stabillit, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta illi giet ikkonfermata bil-gurament mill-intimat, li *in forza* taghha huwa eccepixxa:

ILLI l-esponenti jaqbel illi l-partijiet iżżewwġu fis-sebgħa (7) ta' Ottubru tas-sena elf disgħa mija u erbgħa u tmenin (1984) skont iċ-ċertifikat taż-żwieġ (vide dokument anness u mmarkat mar-rikors promotur bħala 'Dok. A') u minn dan iż-żwieġ kellhom tlett itfal u cioe' Keith li twieled fit-tlieta (3) ta' Ottubru tas-sena elf disgħa mija u ħamsa u tmenin (1985), Mitchell li twieled fl-erbgħa (4) ta' Mejju tas-sena elf disgħa mija u tmienja u disgħin (1989) u Charles li twieled fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Settembru tas-sena elf disgħa mija u wieħed u disgħin (1991);

ILLI l-esponenti jaqbel ukoll illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt pubbliku redatt minn Nutar Dottor Patricia Halla sa mid-disgħa u għoxrin (29) ta' Awwissu tas-sena elfejn u sebgħa (2007) u dan kif jirriżulta mill-kuntratt ta' separazzjoni (vide dokument anness u mmarkat mar-rikors promotur bħala 'Dok. B');

ILLI l-esponenti jaqbel ukoll illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għar-rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom ħames snin mifrudin, illum għandhom ħajja totalment separata u indipendenti minn xulxin;

ILLI l-esponenti jaqbel ukoll illi skont l-istess kuntratt ta' separazzjoni personali (vide Klawsola 7 tad-Dok. B anness mar-rikors promotur) l-esponenti għandu jħallas manteniment a favur tal-mara is-somma mensili ta' mija u disgħa u tletin Ewro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€139.76), u fil-fatt huwa dejjem ħallas dan il-manteniment u qatt ma kien hemm xi problema dwar inadempjenza f'dan ir-rigward;

ILLI wkoll l-esponenti jaqbel li hemm kawża pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet AB vs CD (Rikors Ġuramentat Numru 125/2010 AL) fejn qiegħed jintalab ordni ta' ċessjoni tal-obbligu tiegħu li jissomministra r-retta alimentari pattwita fl-att ta' firda personali *de quo* u kif ukoll it-tħassir tal-klawsola numru sebgħa (7) tal-istess att, kif wara kollox jidher li hemm qbil dwarha mir-rikorrenti;

ILLI l-esponenti jaqbel ukoll illi llum il-ġurnata l-ulied tal-partijiet huma maġġorenni u jirrisjedu mal-esponenti u għalhekk ma' hemm ebda obbligu ta' manteniment vigenti a favur tagħhom;

ILLI dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissoddisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

GĦALDAQSTANT l-esponenti umilment u bir-rispett jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u fl-istess waqt tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien imħolli għaldaqshekk mill-istess Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat id-digriet taghha tad-19 ta' Settembru, 2012;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi biex zwieg jigi mahlul peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-29 ta' Awissu 2007 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda manteniment dovut mill-partijiet lejn xulxin;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-

divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------